# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Mejju, 2023**

**Numru 7**

**Rikors Numru 722/21TA**

**Anthony Bonnici I.D. 701639M**
**Faustino Bonnici I.D. 53249M**
**Andy Bonnici I.D. 0126874M**
**Mary Grace Bonnici I.D. 50456M**
**Margaret Farrugia I.D. 57858M**
**Hilda Vella I.D. 748445M**
**Edward Bonnici I.D. 473360M**
**Ruth Sarah Pace I.D. 423470M u**
**Klaus Raphael Falzon I.D. 0412273M bħala kuraturi tal-interdetta Marija Falzon I.D. 592341M**

**vs**

**Joseph Bonnici I.D. 27844M u Frances Bonnici I.D. 889444M**

**u**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-Anthony Bonnici u oħrajn (ir-rikorrenti) ippreżentat fil-5 ta' Novembru 2021 li permezz tiegħu talbu s-segwenti:-

1. "Illi l-antekawza tar-rikorrenti u cioe' Michelina Bonnici u John Mary Bonnici kienu akkwistaw bicca art fit-Triq id-Duluri, Zejtun, li fuqha

bnew il-fond bin-numru 23, gia' 19, Triq id-Duluri, Zejtun. Kopja tal-kuntratt tal-akkwist hawn anness u markat **Dok A.**

2. Illi Michelina Bonnici u John Mary Bonnici fl-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u sebgha u sebghin (1977) krew il-fond bin-numru 23, gia' 19, Triq id-Duluri, Zejtun, lil wiehed mit-tfal taghhom u cioe' lill-intimat Joseph Bonnici. Kopja tal-ktieb tal-kera hawn annessa u markata **Dok B.**

3. Illi l-imsemmijin Michelina Bonnici u John Mary Bonnici mietu fil-15 ta' Novembru tas-sena 1982 u fis-27 ta' April tas-sena 1992 rispettivament, u l-wirt taghhom iddevolva a favur uliedhom kollha u cioe' Anthony Bonnici, Mary Falzon, Joseph Bonnici, Hilda Vella, Faustino Bonnici, Carmelo Bonnici, Edward Bonnici u Margaret Farrugia, u dan peress illi mietu ab intestato. Kopja tac-certifikati tal-mewt, kopja tad-dikjarazzjonijiet causa mortis u kopja tar-ricerki testamentarji hawn annessi u markati **Dok C1, Dok C2, Dok D1, Dok D2, Dok E1 u Dok E2.**

4. Illi Carmelo Bonnici miet fis-27 ta' Lulju tas-sena 2020 u l-wirt tieghu ddevolva permezz ta' testment unica charta datat 3 ta' Settembru tas-sena 2019 fl-atti tan-Nutar Dottor Andrea Micallef. Kopja tac-certifikat tal-mewt, kopja tar-ricerki testamentarji, kopja tad-dikjarazzjoni causa mortis, u kopja tat-testment unica charta hawn annessi u markati **Dok F, Dok G, Dok H, Dok I.**

5. Illi in forza ta' dan it-testment, Carmelo Bonnici halla lil martu Mary Grace Bonnici bhala uzufruttwarja tal-assi kollha tieghu, filwaqt illi nnomina lil ibnu Andy Bonnici eredi universali ta' gidu kollu.

6. Illi fis-sena elfejn u sittax (2016), Mary Falzon kienet giet interdetta permezz ta' digriet numru 474/2016 u dak iz-zmien kien gie nominat bhala kuratur tar-ragel tahha Louis Falzon. Illi Louis Falzon miet u uliedha u cioe' Ruth Sarah Pace u Klaus Raphael Falzon, permezz ta' digriet numru 1671/2020 gew nominati kuraturi ta' ommhom minflok missierhom. Kopja tad-digriet hawn annessa u markata **Dok J.**

7. Illi l-intimati qeghdin izommu l-fond b'kirja protetta taht il-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta u qeghdin prezentement ihallsu kera rrizorja fl-ammont ta' mitejn u tmien euro u erbghin centenzmu (€208.40) fis-sena, pagabbli darba fis-sena bil-quddiem.

8. Illi l-protezzjoni li jgawdu l-inkwilini tinkludi provedimenti fil-ligi li jcahhdu lis-sidien rikorrenti milli jiehdu l-pussess lura tal-proprjeta, b'dana li huma sfurzati jibqghu jaccettaw rilokazzjoni wara rilokazzjoni tal-kirja b'mod perpetwu u b'massimu ta' kera li tizdied biss limitatament kif ipprovdut mill-Artikolu 1531C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet

ta' Malta. Il-kera percepita illum, u anke qabel l-introduzzjoni tal-Att X tal-2009, hija baxxa ferm u 'l boghod minn dak li r-rikorrenti setghu u jistghu jiksbu fis-suq miftuh, kieku ma hemmx il-ligi li tipprevjeni dan.

9. Illi ghalkemm illum hemm l-Artikolu 4A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta li dahal fis-sehh fl-1 ta’ Gunju 2021 permezz tal-Att XXIV tas-sena 2021 li jaghti dritt lis-sidien sabiex jitolbu awment fir-rata tal-kera sa massimu ta’ tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta’ abitazzjoni fl-1 ta’ Jannar tas-sena li matulha jiġi preżentat ir-rikors u sabiex jiġu stabbiliti kondizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera, dan xorta wahda ma huwiex rimedju effettiv ghas-sidien u dan peress illi l-valur lokatizju tal-fond huwa ferm oghla minn dak permessibbli bl-artikolu 4A tal-Kap 69.

10. Illi l-protezzjoni moghtija lill-inkwilini bid-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-Artikolu 1531C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-Att X tal-2009, u tal-Att XXIV tat-2021, jikkreaw zbilanc qawwi u nuqqas ta' proporzjonalita’ bejn id-drittijiet tas-sid (ir-rikorrenti) u dawk tal-inkwilini (l-intimati Bonnici), stante li l-valur lokatizju tal-fond huwa ferm oghla minn dak stabbilit fil-ligi u ghalhekk tali zbilanc jilledi l-jeddijiet tar-rikorrenti kemm taht l-Artikolu 1 tal-Protokol nru. 1 tal-Konvenzjoni Ewropea, u kif ukoll l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Dan l-istat ta' fatt kien fis-sehh kemm qabel l-introduzzjoni tal-Att X tal-2009 u tal-Att XXIV tat-2021 u kif ukoll wara, u ghadu fis-sehh sal-lum.

11. Illi ghalkemm l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta huwa milqut mill-artikolu 47(9) tal-istess Kostituzzjoni, il-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta ghalkemm kien fis-sehh qabel is-sena 1962, zied cirkostanzi li fihom il-proprjeta’ in kwistjoni seta’ jittiehed il-pussess taghha kif ukoll ghamel kondizzjonijiet li jirregolaw id-dritt ghal kumpens jew l-ammont tieghu anqas favorevoli lil xi persuna li jkollha l-proprjeta’ u dan peress illi l-Artikolu 3 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta jistipula illi:

*a. “Sid il-kera ta’ xi fond ma jistax, meta jagħlaq iż-żmien tal-kiri (sew jekk dan iż-żmien ikun skont il-ftehim, legali, skont l-użu jew imnissel mid-disposizzjonijiet ta’ din l-Ordinanza), jirrifjuta li jġedded il-kiri jew li jgħolli l-kera jew li jagħmel kondizzjonijiet ġodda għat-tiġdid tal-kiri mingħajr il-permess tal-Bord.”*

12. Illi ghalhekk ir-rikorrenti kienu sforzati sabiex igeddu l-kirja tal-fond in kwistjoni u la setghu jghollu r-rata tal-kera u lanqas jaghmlu kondizzjonijiet godda ghat-tigdid tal-kirja u dan bi ksur tal-Artikolu 47(9) (b) u (c) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u ghalhekk l-Artikolu 37 tal-istess Kostituzzjoni huwa applikabbli.

13. Dawn id-dispozizzjonijiet ta' kontroll tal-kirja huma interferenza mhux gustifikata fit-termini tat-tieni paragrafu tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u b'hekk jilledu l-jeddijiet tar-rikorrenti kif sanciti mill-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru. 1 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

14. Illi ghalhekk effettivament bl-istat li hija l-ligi r-rikorrenti ma ghandhomx speranza reali li qatt jiksbu jew il-pussess effettiv jew redditu reali mill-istess fond.

Ghaldaqstant, jghidu l-intimati ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha, salv kull dikjarazzjoni jew ordni ohra mehtiega:

1. Tiddikjara illi l-intimati Bonnici qeghdin izommu l-fond riferut hawn fuq b'kirja taht il-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-operat tal-Att X tal-2009 u tal-Artikolu 1531C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara illi ghar-ragunijiet fuq spjegati, u ghal dawk li se jirrizultaw mill-provi, il-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta, l-emendi tal-Att X tal-2009, l-emendi tal-Att XXIV tat-2021 u senjatament l-Artikolu 1531C tal-Kapitolu 16, jivvjolaw id-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif sanciti fl-Artikolu 1 tal-Protokoll nru. 1 tal-Konvenzjoni Ewropea, u kif ukoll fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

3. Tiddikjara konsegwentement illi l-intimati inkwilini Bonnici ma jistghux jibqghu jistriehu fuq il-protezzjoni moghtija lilhom permezz tad-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-konfront tal-kirja ta' bejn il-partijiet.

4. Taghti dawk ir-rimedji kollha meqjusa xierqa.

5. Tiddikjara illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti minhabba t-telf ta' kontroll, uzu u t-tgawdija tal-propjeta’ de quo, u l-kumpens dovut lilhom.

6. Tillikwida l-kumpens/d-danni li ghandhom jithallsu lir-rikorrenti, u tordna lill-intimat Avukat tal-Istat ihallas dik is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta tal-Intimat Avukat (l-intimat Avukat) tal-Istat ippreżentata fl-10 ta’ Diċembru 2021 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:-

1. ”Illi in vena preliminari, sabiex tissokta din l-azzjoni, ir-rikorrenti jridu jġibu **l-aħjar prova rigward it-titolu li għandhom** fuq il-proprjetà mertu ta`

din il-kawża u **jridu jġibu prova tal-ftehim tal-kirja** fuq il-fond inkwistjoni. *Di più*, ir-rikorrenti għandhom ukoll jindikaw id-data preċiża ta` meta ġiet konċessa l-kirja u **jridu jġibu prova li din il-kirja hija mħarsa bl-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini** (Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Illi, preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess, jiġi rilevat illi l-proċedura odjerna hija **intempestiva** *stante* illi jeżistu rimedji ordinarji fil-forma ta' mezzi ġudizzjarji li r-rikorrenti setgħu jużufruwixxu ruħhom minnhom biex jipprendu l-pussess tal-fond *de quo* u jawmentaw il-kirja;

3. Illi magħdud mal-premess u mingħajr preġudizzju, jingħad ukoll illi r-rikorrenti ma jistgħux jilmentaw dwar perjodi **qabel ma huma kellhom titolu** fuq il-proprjetà in kwistjoni u dan minħabba li f'dak l-istadju ċertament li wieħed ma jistax jitkellem dwar possediment. F'dan ir-rigward, tajjeb li jingħad li mir-rikors promotur jidher li r-rikorrenti **m'humiex is-sidien *in toto*** tal-fond inkwistjoni għaliex l-inkwilin Joseph Bonnici għandu sehem ta' wieħed minn tmienja (1/8) tal-fond inkwistjoni u b'hekk l-inkwilin intimat Joseph Bonnici bħala wieħed mis-sidien u kom-possessur jistgħa jgawdi mill-jedd tal-preferenza skont il-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk għal perjodu li r-rikorrenti kienu u għadhom konproprjetarji, *dato ma non concesso* li din l-Onorabbli Qorti ssib li kien hemm ksur, kwalunkwe kumpens li jista' jiġi ordnat jingħata għandu jkun jirifletti biss is-sehem indiviż li r-rikorrenti kellhom f'dawk il-perjodi;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu l-esponent jirrespinġi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti *stante* li huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għas-segwenti raġunijiet li qegħdin jiġu avvanzati mingħajr preġudizzju għal xulxin;

5. Illi bla ħsara għal dak fuq imsemmi, l-Kap. 69 u l-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, inkluż l-Artikolu 1531Ċ tal-istess Kap.16, l-emendi mdaħħla bl-Att X tal-2009 u l-emendi mdaħħla bl-Att XXIV tal-2021 ma jistgħux jintlaqtu mill-**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** minħabba li skont **l-Artikolu 37(2)(f) tal-Kostituzzjoni**, ebda ħaġa f'dan l-artikolu m'għandha tinftehem li tolqot l-għemil jew ħdim ta' xi liġi safejn din tkun tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjeta`, li sseħħ fil-kuntest ta' kirja;

6. Dejjem bla ħsara għall-premess, l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni mhux applikabbli għaliex il-Kap. 69 u l-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta huma liġijiet li daħlu fis-seħħ qabel l-1962 u dan skont ma jipprovdi **l-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni**, "<u>**Ebda ħaġa fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma għandha tolqot il-ħdim ta' xi liġi fis-seħħ minnufih qabel it-3 ta' Marzu 1962**</u> jew xi liġi magħmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi liġi fis-seħħ minnufih qabel dik id-data (jew xi liġi li minn żmien għal żmien tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu)…";

7. Illi barra minn hekk, **l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** huwa mproponibbli wkoll għaliex dan l-artikolu japplika biss f'każ ta' teħid forzuż

tal-proprjetà. Sabiex wieħed jista' jitkellem dwar teħid forzuż jew obbligatorju, persuna trid tiġi żvestita jew spussessata minn kull dritt li għandha fuq dik il-proprjetà. Huwa evidenti li fil-każ preżenti, tali żvestiment ma sarx u dan peress li bil-kirja r-rikorrenti ma tilfux għal kollox il-jeddijiet tagħhom fuq il-fond in kwistjoni u għalhekk dan il-każ ma jammontax għal deprivazzjoni totali tal-proprjetà. Jiġi b'hekk li l-ilment tar-rikorrenti mhuwiex milqut fil-parametri tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u konsegwentement għandu jiġi mwarrab;

8. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, safejn l-ilment tar-rikorrenti jinsab dirett kontra l-Kap. 69, inkluż l-Artikolu 3 tal-istess Kap. 69, u l-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, inkluż l-Artikolu 1531Ċ tal-istess Kap. 16, l-emendi mdaħħla bl-Att X tal-2009 u l-emendi mdaħħla bl-Att XXIV tal-2021, mil-lenti **tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**, tajjeb li jingħad li skont il-*proviso* ta' dan l-istess artikolu protokollari l-Istat għandu kull jedd li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta skont l-interess ġenerali. F'dan is-sens huwa ben magħruf li l-marġini ta` apprezzament mogħtija lill-Istat huma wiesgħa ħafna. Illi għalhekk huwa aċċettat kemm mill-ġurisprudenza nostrali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-liġijiet li jagħtu setgħa lill-Istat li jikkontrolla u jieħu proprjetà ta' individwi huma rikonoxxuti bħala meħtiega f'soċjetà demokratika biex jassiguraw l-attwazzjoni ta' żvilupp soċjali u ekonomiku fl-interess tal-kollettiv. Tali diskrezzjoni tal-leġiżlatur m'għandhiex titbiddel sakemm din ma tkunx manifestament mingħajr bażi raġjonevoli – li żgur mhux il-każ;

9. Illi mingħajr preġudizzju u magħdud mas-suespost, il-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta fl-intier tiegħu moqri flimkien mal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendati saħansitra bl-Att X tal-2009 u bl-Att XXIV tal-2021 minn dejjem kellhom u għad għandhom: (i) għan leġittimu għax joħroġ mil-liġi; (ii) huma fl-interess ġenerali għax huma maħsuba biex jipproteġu persuni milli jiġu mkeċċija mid-dar tal-abitazzjoni tagħhom; u (iii) jżommu bilanċ ġust u ekwu bejn l-interessi tas-sid, tal-kerrej u tal-poplu b'mod ġenerali;

10. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, bl-emendi li saru fil-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta f`dak li jirrigwarda l-ammont fil-kera, għandu jiġi rikonoxxut li l-pożizzjoni tar-rikorrenti tjiebet matul iż-żmien minn dakinhar li saret il-kirja u għaldaqstant ir-rikorrenti ma jistgħux jallegaw ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom, speċjalment meta l-**Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** ma jikkonċedi ebda dritt li xi ħadd jirċievi profitt. Għalhekk, fil-kuntest ta' proprjetà li qed isservi għall-finijiet ta' *social housing,* żgur li ma jistax jiġi kkontemplat xi dritt simili;

11. Illi inoltre dwar l-ilment tal-allegata sproporzjon fil-kera, jiġi rilevat li fil-każ tar-rikorrenti, l-ammont tal-kera li qegħdin jipperċepixxu mhijiex kera sproporzjonata tenut ukoll kont tal-fatt li f'ċirkostanzi bħal dawn, fejn jeżisti interess ġenerali leġittimu, ma jistax isir paragun mal-valur lokatizzju tal-proprjetà fis-suq ħieles kif pretiż mir-rikorrenti u dan wisq inqas meta wieħed jipparaguna kera jew ċens pagabbli fil-passat ma' valuri kurrenti. Illi jsegwi għalhekk li fil-każ odjern din l-Onorabbli Qorti m`għandhiex tevalwa din il-

liġi fil-kuntest prinċipalment ta` spekulazzjoni tal-proprjetà imma għandha tiskrutinja u tapplika l-liġi fil-qafas aktar wiesgħa u ċioe` mill-aspett tal-proporzjonalità fid-dawl tar-realtà ekonomika u soċjali tal-pajjiż in ġenerali;

12. Illi mingħajr preġudizzju għal premess, tajjeb li jingħad li bid-dħul fis-seħħ **tal-Att XXIV tal-2021**, mill-1 ta' Ġunju 2021 'il quddiem ir-rikorrenti ċertament li ma jistgħux jilmentaw aktar mill-fatt li l-kirja ma tistax togħla b'mod proporzjonat. Dan għaliex skont l**-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta,** is-sidien jistgħu jitolbu lill-Bord li Jirregola l-Kera biex jimponi kundizzjonijiet ġodda fuq l-inkwilini u biex il-kera tiġi riveduta sa 2% tal-valur ħieles fis-suq miftuħ tal-fond, u jistgħu jitolbu reviżjoni tal-istess kull 6 snin, sakemm il-partijiet ma jiftehmux xort'oħra;

13. Illi hekk ukoll, dejjem skont **l-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta**, ir-rikorrenti jistgħu jitolbu li jieħdu lura l-fond u ma jġeddux il-kirja, jekk juru li l-inkwilini ma jgħaddux mill-*means test*. Illi anki f'każ li l-inkwilini jgħaddu mill-*means test*, il-Bord li Jirregola l-Kera għandu s-setgħa li jgħolli l-ammont li għandu jitħallas f'kera *pendente lite*. Inoltre, **l-Artikolu 9 (b) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta** kif emendat, jagħti lis-sidien dritt ta' ripriża jekk jirriżulta li l-inkwilini għandhom residenza alternattiva li hija xierqa għall-bżonnijiet tagħhom u ta' familthom;

14. Illi magħdud mal-premess, permezz tal-emendi, id-definizzjoni ta' kerrej ta' fond residenzjali ġiet ristretta ai termini **tal-Artikolu 2(a) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta**;

15. Illi għalhekk isegwi li meta wieħed jiżen dan kollu, il-konklużjoni hija li l-ilmenti tar-rikorrenti dwar in-nuqqas ta' proporzjonalità u dwar id-diffikultà tagħhom sabiex jieħdu lura l-pussess tal-fond tagħhom mhumiex ġustifikati u b'hekk ma hemm l-ebda ksur **tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**, b'dana li kull talba konsegwenzjali marbuta ma' dawn l-artikoli u kull talba għal kumpens jew rimedju ieħor magħmula minnhom mhijiex mistħoqqa;

16. Illi jekk ir-rikorrenti qed jilmentaw li qegħdin jiġu ppreġudikat minħabba l-fatt li l-ammont tal-kera ma jirriflettix il-valur reali tal-fond *de quo*, dan ma jistax jiġi rrimedjat bit-tneħħija tal-liġi attakkata. Dan jingħad għaliex ma jkunx jagħmel sens li wieħed jagħraf l-iskop, il-ħtieġa u l-leġittimità tal-miżuri msemmija biex imbagħad jinnewtralizzahom billi jagħmilhom inapplikabbli;

17. Illi rigward l-emendi li daħlu fis-seħħ permezz **tal-Att X tal-2009**, tajjeb li jingħad ukoll li l-emendi li jirrigwardaw il-kera daħlu fis-seħħ wara konsultazzjoni vasta fejn ġiet ukoll ippublikata l-*White paper* li ġġib l-isem: "*Liġijiet tal-Kera: Il-ħtieġa ta' Riforma"* f'Ġunju tal-2008. Illi din il-konsultazzjoni kienet proċess bi tlett saffi u li għaliha pparteċipaw il-partijiet interessati kollha. Dan kollu jingħad għaliex huwa ben evidenti li l-emendi riċenti dwar il-kera ma sarux b'mod superfluwu iżda saru wara konsultazzjoni serja u intensa u wara li nħass il-polz tal-poplu u tal-entitajiet kollha milquta minn dan l-istatut;

18. Illi fir-rigward tal-ewwel talba, tajjeb li jingħad li l-intimat inkwilin Joseph Bonnici huwa wkoll sid ta' parti mill-fond inkwistjoni u b'hekk ma jistax jingħad li hu qiegħed jokkupa l-fond b'titolu ta' kera biss. Għalhekk ukoll din it-talba għandha tiġi miċħuda wkoll;

19. Illi f'kull każ u fir-rigward tat-tielet u tar-raba' talba, minn kif inhu magħruf fil-ġurisprudenza tagħna, din l-Onorabbli Qorti mhijiex il-*forum* addattat sabiex tiddeċiedi dwar it-talba għall-iżgumbrament tal-intimati mill-imsemmija proprjetà. Konsegwentament, jekk ir-rikorrenti qegħdin jippretendu t-tali rimedju, dawn it-talbiet għandhom jiġu miċħuda wkoll;

20. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, *dato ma non concesso*, li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, fatt li qed jiġi kontestat, l-esponent jirrileva li fiċ-ċirkostanzi odjerni, dikjarazzjoni ta` ksur tkun suffiċjenti u ma hemmx lok għar-rimedji oħra mitluba mir-rikorrenti;

21. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt ġaladarba r-rikorrenti ma sofrew l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti."

Rat ir-Risposta ta' Joseph u Frances konjugi Bonnici (l-intimati inkwilini) preżentata fl-14 ta' Diċembru 2021 li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:-

"Illi, preliminarjament ir-rikors tar-rikorrenti huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant it-talbiet kollha *ivi* hemm kontenuti ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kollha kontra ir-rikorrenti u dan ghas-segwenti motivazzjonijiet:-

1. Illi, preliminarjament u fl-ewwel lok, l-esponenti m'humiex il-legittimi kuntradditturi f'dawn il-proceduri odjerni stante li c-cittadin privat ma jista' qatt ikun il-kawia ta' ksur ta' dritt fundamentali u ghaldaqstant kwalsijasi ksur ta' dritt fundamentali vantat mir-rikorrenti ghandha tigi ventilata mal-Istat ta' Malta;

2. Illi, minghajr pregudizzju u subordinatament ghas-sueccepit, meta ic-cittadin privat jikser xi drittijiet jew aktar ta' cittadin iehor din tohloq tilwima ta' indoli purament civili u ghaldaqstant, jekk ikun irid, jiehu l-ilment tieghu quddiem dawk il-qrati ordinarjament komposti, sabiex jiehu is-sodisfazzjani ghad-dritt mittiefes jew allegatament miksur minnu - dritt wiehed ma jezitax izid li jkun jirrizulta minn xi ksur ta' ligi ta' natura Civili;

3. Illi, meta ma jkun hemm ebda ksur ta' ligi civili li tirregola ir-relazzjoni bejn ic-cittadini imma min jkun qieghed jallega ksur ta' dritt fondamentali tieghu ghar-raguni li persuna jew persuni ikunu, skond ir-rikorrenti, kissru dak id-dritt meta agixxew skond il-ligi, mela -fl-aghar ipotezi - hija l-istat tal-ligi li tkun wasslet ghal ksur tad-dritt fondamentali kif pretiza mir-rikorrenti u mhux l-agir tal-intimati;

4. Illi, ghall-istat tal-ligi, jahti semmai l-Istat Malti, u mhux ic-cittadin, li certament ma kellu ebda rwol fil-promulgazzjoni ta' dik il-ligi li allegatament wasslet ghal ksur minnhom ilmentat;

5. Illi, stante li l-intimati kienu qeghdin gustament jistriehu fuq dritt emanenti *ex lege* ivigi l-principju *qui suo iure utitur neminem laedit*;

6. Illi, minghajr pregudizzju u subordinatament ghas-suespost, sija bir-regoli promulgati fil-Kap. 158 u anke dawk fil-Kodici Civili, il-legislatur haseb biex johloq stabbilita' fil-prezzijiet tal-kera sabiex din ma tkunx soggetta ghal vigarji tas-suq miftuh, u dan sija ghal protezzjoni tal-inkwilin kif ukoll ghal beneficcju tas-sid;

7. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jeccepixxu li l-partijiet dahhlu f'kuntratt ta' kirja konsenswalment u konsapevoli mill-istat tal-ligi vigenti dak iz-zmien;

8. Illi, m'huwiex lecitu li r-rikorrenti jittentaw li juzufruwixxu minn rikors ta' indoli kostituzzjonali sabiex ivarjaw ir-relazzjoni guridika liberament u volontarjament pattwita bejn il-partijiet kontraenti;

9. Illi, l-principju li jvigi dejjem huwa *pacta sunt servanda* u ghalhekk iz-zewg partijiet fil-ftehim huma obbligati li jirrispettaw dawk l-obbligazzjonijiet li dahhlu ghalihom u huwa biss meta jkun hemm xi ksur ta' wiehed jew aktar minn dawk l-obbligi jew jeddijiet kuntrattwali li ftehim ikun jista' jigi rexxiss jew xort' ohra, jintalbu d-danni;

10. Illi, dan jitnissel mill-**Art. 992 u 993 tal-Kap. 16** u senjatament l-**Art. 993** jistipula li *"...wkoll ghal konsegwenzi li ggib maghha l-obbligazzjoni skont ix-xorta taghha, bl-ekwita' u bl-uzu tal-ligi*";

11. Illi, dan gie ribadit ukoll mill-Qrati taghna fejn intqal:

> "*Il-principju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li 'l-vinkolu kuntrattwali ghandu jigji rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espress fil-*

> *konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata"*[1] *u kif ukoll li "... Hi dispozizzjoni espressa tal-Kodici Civili fl-artikolu 992 (1) Illi l-kuntratt huwa l-ligi ghal partijiet kontraenti. Jinzel minn dan il-karattru enfatiku tal-artikolu tal-ligi illi l-partijiet huma tenuti jirrispettaw it-termini u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt, anke ghaliex 'pacta sunt servanda', u l-kuntratt ma setax jimmodifika ruhu bil-volonta' unilaterali ta' xi parti*"[2]

12. Illi, minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, ir-rikorrenti qatt ma' jistghu jirreklamaw kwindi li l-osservazzjoni ta' obbligi kuntrattwali jikser dritt fundamentali u ghalhekk anke hawnhekk l-esponenti ma jistghux ikunu tenuti responsabbli;

13. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit ir-rikorrenti ma jistghux jilmentaw dwar xi haga li kienu ghamlu huma stess u dan il-hsieb huwa rifless fis-sentenza ***Leslie Grech et vs Vassallo Nazzareno et***[3]:-

> "*Ghalhekk, kif diga' kella okkazjoni tosserva din il-Qorti, la darba il-partijiet, inkluzi allura r-rikorrenti, ghazlu li jikkuntrattaw taht ir-regim legali vigenti f'dak iz-zmien, u li certament z-zewg nahat kienu konsapevoli tad-drittijiet u l-obbligi taghhom taht il-ligi, ma jistghux issa jippretendu b'success li dawk l-istess kondizzjonijiet pattwiti minnhom huma lezivi tad-drittijiet fondamentali taghhom, senjatament dak tat-tgawdija tal-pacifika possidimenti taghhom. F'dan ir-rigward japplikaw bil-qawwa l-principju volenti non fit injuria*".

14. Illi, finalment minghajr pregudizzju ghal premess u in lineja sussidjarja, l-esponenti m'ghandhomx ibatu konsegwenzi talli osservaw il-ligi skrupolozament u jekk dina l-Onorabbli Qorti ssib li l-ilment tar-rikorrenti huwa gustifikat u jinghataw rimedju, dan m'ghandux ikun bi pregudizzju ghall-esponent, izda ghandu jkun l-Istat Malti li jgorr dak l-oneru;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

[1] *Vide* ***Spiteri vs Camilleri*** *et,* PA, **30.05.2022**
[2] *Vide* ***F. Advertising Limited (C-26789) vs Francis u Antonia konugi Grixti,*** PA **25.02.2010**
[3] *Vide* Qorti tal-Appell, **26.06.2015**

Rat in-nota preżentata fl-4 ta' Novembru 2022 permezz ta' liema r-rikorrenti llimitaw t-tieni talba tagħhom sa qabel ma daħħlu fis-seħħ l-emendi tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta permezz tal-Att XXIV tas-sena 2021 u għal dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni ta' drittijiet fondamentali kif sanċiti fl-Artikolu 1 tal-Protokoll nru. 1 tal-Konvenzjoni Ewropea biss u mhux kif sanċiti fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ukoll.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta' Marzu 2023 fejn ir-rikors ġie differit għal-lum għas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Din il-kawża tirrigwarda l-fond bin-numru 23, ġia 19, Triq id-Duluri, Żejtun.

**2.** Ir-rikorrenti jippremettu li huma akkwistaw dan il-fond *per via di successione* mill-wirt ta' Michelina u John Mary konjuġi Bonnici li jiġu l-ġenituri tar-Rikorrenti kollha ħlief għal Andy Bonnici li jiġi n-neputi tagħhom (ara ċertifikati tal-mewt a' fol 34 u 35, denunzji rispettivi a' fol 36 u 39, riċerki testamentarji rispettivi a' fol 43 u 44 u ċertifikat tal-mewt, riċerki testamentarji, Dikjarazzjoni Causa Mortis u testment unica charta ta'

Carmelo Bonnici, missier ir-Rikorrenti Andy Bonniċi a' fol 46 sa 51). Min-naħa tagħhom Michelina u John Mary konjuġi Bonniċi kienu akkwistaw l-art li fuqha inbena l-fond in kwistjoni bil-kuntratt ta' akkwist datat 9 ta' Marzu 1940 (a' fol 7).

**3.** Fl-1 ta' Lulju 1977, l-awturi tar-rikorrenti l-konjuġi Bonnici krew il-fond in kwistjoni lil binhom l-intimat Joseph Bonnici għall-ammont ta' Lm 6 kull tlett xhur, jiġifieri LM24 fis-sena, ekwivalenti għal €55.90c (ara premesa 2 a' fol 2 u ktieb tal-kera a' fol 10 sa 33).

**4.** L-intimat għadu sal-lum, flimkien ma martu l-Intimata Frances Bonnici, jokkupa l-fond *ope legis* b'titolu ta' kera bis-saħħa tal-emendi introdotti fil-Kap. 69 bl-Att XXIII tal-1979 (ara premessi 7 et seq).

**5.** Fis-sena 2010 il-kera bdiet togħla skont il-liġi permezz tal-Att X tal-2009. Illum l-ammont ta' kera huwa ta' €208.40 fis-sena. L-Inkwilni intimati qed iħallsu lir-rikorrenti s-sehem tagħhom minn din is-somma li skont l-intimat tammonta għal €26.05 kull wieħed (ara premessa numru 7, ktieb tal-kera a' fol 33, affidavit intimat Joseph Bonnici a' fol 81). Jidher li l-kera ġiet dejjem aċċettata mingħajr riżervi.

**6.** Jirriżulta li, kontestwalment ma' din l-azzjoni, ir-rikorrenti preżentaw rikors quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera a tenur tal-Artikolu 4A li ġie introdott fil-Kap. 69 bis-saħħa tal-Att XXIV tal-2021. B'deċiżjoni mogħtija fis-27 ta' Ġunju 2022 il-Bord laqa' l-ewwel u t-tieni talba u in parte t-tielet talba tar-Rikors fejn iddikjara li l-kera dovuta mill-intimati għall-fond 23 ġia

19, Triq id-Duluri, Żejtun għandha tiġi riveduta u awmentata għal tlett elef u mitejn Ewro (€3,200) fis-sena rappreżentanti 2% tal-valur tal-fond stmat mill-membri tekniċi b'effett mid-data tas-sentenza b'dan illi mill-kera dovuta għandu jitnaqqas sehem l-intimat Joseph Bonnici stante li huwa wieħed mis-sidien tal-fond imsemmi (ara sentenza a' fol 103).

**7.** Jirriżulta wkoll li l-fond in kwistjoni ma huwiex wieħed dekontrollat (ara ċertifikat a' fol 120).

**<u>Punti ta' Liġi</u>**

**8.** Din hija azzjoni ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali. Ir-Rikorrenti qed jilmentaw li l-Kap. 69 u l-artikolu 1531Ċ introdott bl-Att X tal-2009, qed jivvjolaw id-dritt tagħhom għat-tgawdija tal-fond in kwistjoni sanċit fl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta).

**9.** Dan għaliex jippreklidihom milli jieħdu l-pussess lura tal-proprjetá u huma sfurzati li jibqgħu jaċċettaw rilokazzjoni wara rilokazzjoni b'kera kalkolata skont l-Att X tal-2009 li hija rriżorja u ma tirriflettix il-valur lokatizzju tal-fond fis-suq u l-potenzjal tiegħu. Ir-Rikorrenti ilmentaw li b'dan il-mod huma qed iġġorru piż sproporzjonat u nġust meta mqabbel ma' dak li jistħoqqilhom l-inkwilini Intimati (ara premessi numri 7 et seq).

**10.** Dawn ir-raġunijiet hekk mogħtija huma l-istess raġunijiet li fuqhom il-Qorti Ewropeja konsistentement sabet ksur tal-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni fid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 u l-emendi bl-Att X tal-2009, kif kienu viġenti qabel l-emendi ntrodotti bl-Att XXIV tal-2021.

Dan għaliex jikkostitwixxu interferenza mad-drittijiet tal-proprjetá tas-sid li hija inkompatibbli mat-tielet prinċipju ta' bilanċ ġust stabbilit fl-imsemmi artikolu protokollari. Tali nterferenza kkawżata b'dawn id-dispożizzjonijiet ma żżommx "bilanċ xieraq" bejn l-esiġenzi tal-interess ġenerali tal-komunitá u l-ħtieġa tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tal-individwu. Dan minħabba raġunijiet indikati mir-rikorrenti fil-premessi. Il-Qrati tagħna baqgħu isegwu din il-pożizzjoni kif adottata mill-Qorti ta' Strasburgu (ara espożizzjoni dettaljata tal-prinċipji ġurisprudenzjali stabbiliti mill-Qorti Ewropea kif riflessa fil-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin fis-sentenza **Margaret Caruana et -vs- L-Avukat Ġenerali et**, **Qorti Ċivili, Sede Kostituzzjonali, per Imħallef Joseph Zammit McKeon, tat-18 ta' Marzu 2021**; ara wkoll fost oħrajn **Rita Falzon -vs- Dun Saverin sive Xavier Cutajar et, Qorti Ċivili, Sede Kostituzzjonali, per Imħallef Francesco Depasquale, tal-20 ta' Ottubru 2021).**

## <u>Konsiderazzjonijiet</u>

**11.** Permezz tal-ewwel eċċezzjoni, l-intimat Avukat tal-Istat qed jeżiġi l-prova tat-titolu tar-Rikorrenti. Kif jissottometti l-istess Intimat Avukat tal-Istat fin-nota preżentata minnu, din il-prova ġiet fil-fatt sodisfatta. Il-Qorti sejra għaldaqstant tiċħad din l-eċċezzjoni hekk imressqa.

**12.** Bit-tieni eċċezzjoni sollevata minnu, l-Avukat tal-Istat jirrileva li "*l-proċedura odjerna hija intempestiva stante illi jeżistu rimedji ordinarji fil-*

*forma ta' mezzi ġudizzjarji li r-rikorrenti setgħu jużufruwixxu ruħhom minnhom biex jippretendu l-pussess tal-fond de qua u jawmentaw il-kirja*".

Fuq dan il-punt il-Qorti tirreferi għal ġurisprudenza ċitata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża **Vincent Curmi bhala amministratur tal-eredita` tal-Markiz John Scicluna, Cristiane Ramsay Pergola u Mignon Marshall -vs- Avukat Generali et deċiża fl-24 ta' Ġunju 2016:**

"*In tema legali ssir referenza ghas-sentenza moghtija fis-27 ta' Mejju 2016 fl-ismijiet **Louise Xerri et v. Kummissarju tal-Artijiet**, fejn din il-Qorti rribadiet li: "...lum huwa assodat fil-gurisprudenza li biex l-ewwel Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha jehtieg li l-ligi ordinarja taghti rimedju prattiku, accessibbli, effettiv, adegwat u shih ghal-lanjanza tal-atturi. M'huwiex necessarju success garantit, basta li r-rikorrent ikollu lopportunita' fil-ligi ordinarja li jakkwista tali rimedju bl-applikazzjoni ta' dik il-ligi [vide fost ohrajn **Q. Kos. Olena Tretyak v. Direttur tac-Cittadinanza u Expatriates Affairs**, **deciza fis-16 Jannar 2006 u iktar recenti Q. Kos. Rea Ceramics Limited [C 23288] v. Kunsill Malti ghall-Isport u l-Avukat Generali ghan-nom tar-Repubblika ta' Malta ghal kull interess li jista' jkollha**, **deciza fit-18 ta' Lulju 2014**].*

*Id-diskrezzjoni li ghandha l-Qorti f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja sabiex, min-naha wahda l-qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jkunux rinfaccjati b'kawzi li messhom jew setghu tressqu quddiem qrati ohrajn kompetenti jew li dwarhom kienu jezistu rimedji ohrajn effettivi u, min-naha l-ohra, sabiex*

*persuna ma tkunx imcahhda mir-rimedji li ghandha taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni."*

*Issir referenza wkoll ghas-sentenza PA [kompetenza kostituzzjonali] moghtija fil-15 ta' April 2014 fil-kawza* ***Lawrence Grech et v. it-Tabib Principali tal-Gvern [Sahha Pubblika] et****, fejn gew elenkati s-segwenti principji li huma applikabbli wkoll ghall-kaz odjern: "…[b] li d-diskrezzjoni li tuza' l-Qorti biex tqis jekk ghandhiex twettaq is-setghat taghha li tisma` kawza ta' natura kostituzzjonali ghandha torbot, sakemm ma tingiebx xi raguni serja u gravi ta' illegalita', ingustizzja jew zball manifest fl-uzu taghha ; [c] m`hemm l-ebda kriterju stabbilit minn qabel dwar l-uzu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull kaz jehtieg jigi mistharreg fuq ic-cirkostanzi tieghu ; [d] in-nuqqas wahdu ta' tehid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent m`huwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtaghha li ma tuzax is-setghat taghha li tisma` l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent ghall-ilment tieghu; [e] in-nuqqas ta' tehid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien ghal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent – minhabba l-imgiba ta' haddiehor m`ghandux ikun raguni biex il-Qorti twarrab is-setghat taghha li tisma` l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent …*"

**13.** Qabel ma daħħlu fis-seħħ l-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-2021, l-artikolu 3 tal-Kap. 69 kien jipprekludi lir-rikkorrenti milli jirrifjutaw li jġeddu, jgħollu jew jvarjaw il-kondizzjonijiet tal-kera mingħajr il-permess tal-Bord. Il-Bord iżda kien prekluż milli jagħti dan il-permess sakemm ma jissussistux

il-kundizzjonijiet espressi fl-artikoli 4 u 9 tal-istess Kap 69 kif kienu viġenti qabel l-emendi ntrodotti bl-Att XXIV tal-2021. Tabilħaqq, kif ġie kemm il-darba osservat fil-Qrati tagħna, il-Bord tal-Kera kien marbut li jiffissa l-kera skont il-ligi, liema kera hija baxxa ħafna meta komparata mal-kera fis-suq. Iktar minn hekk ir-ripreza tal-fond mikri kienet remota tenut kont tal-kundizzjonijiet li riedu jiġu sodisfatti qabel il-Bord jilqa` talba f'dan is-sens (ara ad eżempju **Ian Peter Ellis et vs Avukat Generali et**, Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Marzu 2015). Magħdud dan, l-emendi introdotti bl-Att X tas-sena 2009, lanqas ma jistgħu jitqiesu bħala li joffru rimedju effettiv għal-lanjanzi tar-rikorrenti. Dan kemm minħabba d-diskrepanza sostanzjali bejn l-awment kontemplat fl-artikolu 1531C u l-valur lokatizju tal-fond fis-suq ħieles, kif ukoll minħabba d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1531F li għamluha remota l-possibilitá li r-rikorrenti tirriprendi l-pussess tal-fond tagħhom.

**14.** Huwa evidenti għalhekk li, b'applikazzjoni għal prinċipji su esposti, dawn ir-rimedji ordinarji imsemmija fit-tieni eċċezzjoni bla ma saret ebda indikazzjoni tagħhom ma jistgħux jitqiesu bħala li kienu effettivi għall-lanjanzi tar-Rikorrenti.

**15.** Il-Qorti sejra għaldaqstant tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-Intimat Avukat tal-Istat.

**16.** Permezz tat-tielet eċċezzjoni, l-intimat Avukat tal-Istat issolleva li r-Rikorrenti m'għandhomx jitqiesu proprjetarji fiż-żmien qabel ma saru sidien tal-proprjetá in kwistjoni.

**17.** Fir-rigward tal-fattur taż-żmien minn meta għandu jitqies id-dekorrenza taż-żmien tal-leżjonijiet tad-drittijiet, din il-Qorti hija konsapevoli tas-Sentenza **Ian Peter Ellis pro et noe vs Maggur Alfred Cassar Reynaud** datata 27 ta' Jannar 2017 inkwantu jirrigwarda fejn intqal hekk: "*Fir-rigward tal-fattur taz-zmien minn mindu kellha tibda titqies il-lezjoni li sabet l-ewwel Qorti, din il-Qorti tosserva li l-punt tal-partenza mhuwiex iz-zmien meta r-rikorrenti wirtu, inizjalment b'mod parzjali u eventwalment flintier tieghu, il-fond de quo, imma s-sena 1990 meta skadiet il-koncessjoni subenfitewtika ghax dan huwa z-zmien meta l-awturi fid-dritt tar-rikorrenti kellhom jiehdu lura l-fond izda ma setghux minhabba l-intervent legislattiv fuq indikat. F'dak iz-zmien gie impost fuq is-sidien rapport ta' lokazzjoni bejnhom u bejn l-intimati konjugi Cassar Reynaud u l-fatt li kien sussegwentement li l-fond intiret mir-rikorrenti huwa irrelevanti ghall-finijiet ta' dan l-ezami, stante li, kif korrettement sottomess mir-rikorrenti, ladarba l-patrimonju tal-awturi tar-rikorrenti wirtuh ir-rikorrenti t-telf ta' qligh soffert mill-awturi fid-dritt taghhom effettivament sofrewh ukoll l-istess rikorrenti meta wirtu patrimonju anqas minn dak li kienu jirtu kieku mhux ghal-lokazzjoni imposta fuq l-awturi taghhom.*"

**18.** Pero' din il-Qorti ma taqbilx għal kollox ma' dan ir-raġunament, għaliex kull każ irid jittieħed għalih. Biex l-eredi f'kawżi bħal dan in eżami ikunu f'posizzjoni li jinsistu fuq it-telf monitarju tal-awturi tagħhom, ai fini biss ta' kumpens, ikun utili li jiġi eżaminat il-komportament tal-istess awturi. Altru li l-awtur ta' dak li jkun sa mill-bidu tal-iskadenza taċ-ċens jew kirja,

ikun għamel dak kollu possibbli biex skont il-liġi jirrevendika d-drittijiet proprjetarji tiegħu però dejjem sab l-ostaklu fil-liġi, u altru awturi, li minkejja dak li tgħid il-liġi, baqgħu qatt ma għamlu xejn. Jista' jkun minħabba letarġija jew għax addirittura kienu kuntenti bil-preżenza tal-okkupant fil-proprjetá tagħhom. Ai fini ta' kumpens biss, is-suċċessuri tal-awturi f'kawżi ta' din ix-xorta, ma jistgħux jikkapitalizzaw mill-passivitá tal-awturi tagħhom. Is-sitwazzjoni li għandha quddiemha din il-Qorti ilha tipperdura mis-sena 1977. Minkejja dak li tgħid il-liġi, f'ebda ħin ma nġiebet xi prova ta' opposizzjoni minn naħa tal-Awturi tar-rikorrenti għall-okkupazzjoni **ta' binhom** fil-fond in kwistjoni, bħal ma per eżempju ma aċċettawx il-kera jew għamlu xi intimazzjonijiet legali jew kawżi li minħabba r-reġim legali qatt ma setgħet issir ġustizzja magħhom. L-anqas ma jirriżulta li meta saret il-kirja kienu mhedda minn xi xorta ta' rekwizzjoni u allura ma kellhomx għażla. Il-Qorti tikkunsidra ukoll li l-awturi ma kkoncedewx il-kirja lil xi barrani iżda lil binhom. Il-Qorti ma għandha ebda dubbju li l-aħħar ħaġa li kellhom f'moħħhom is-sidien oriġinali kienet li inkissrulhom id-drittijiet fundamentali tagħhom. Huma riedu jagħtu l-fond b'kera lil binhom b'dana ma jfissirx li r-rikorrenti ma sofrewx leżjoni fid-drittijiet tagħhom iżda bil-mod li ser jingħad hawn isfel.

**19.** Il-Qorti sejra għaldaqstant tilqa' limitatament it-tieni eċċezzjoni tal-Avukat tal-iStat billi tordna li l-kumpens rimedjali għal leżjoni mġarrba mir-Rikorrenti għandha tibda titqies mis-sena li fiha l-fond ġie assenjat lir-Rikorrenti wara l-mewt tal-ġenituri tagħhom il-konjuġi Bonniċi, jiġifieri mis-

sena 1982 in kwantu għan-nofs indiviż u mis-sena 1992 in kwantu għan-nofs indiviż l-ieħor. S'intendi kwalunkwe kumpens li jista' jingħata għandu jkun jirrifletti biss is-sehem tar-rikorrenti.

**20.** In kwantu għall-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-inkwilini Intimati jingħad li, kif inhu ben stabbilit, l-inkwilin la jaħti għal-liġi u lanqas jista' joffri rimedju. Il-preżenza tiegħu f'kawżi bħal dawn ma hijiex biex jirrispondi għal liġi leżiva ta' drittijiet fundamentali, jiġi kkundannat għal xi sanzjoni, jiġi addebitat lilu tali leżjoni u l-ħlas konsegwenzjali ta' danni. Huwa l-Istat li jrid jagħmel dan. Il-preżenza tal-inkwilin f'dawn il-kawżi hija biss meħtieġa għall-integrita' tal-ġudizzju. Kif ġie kemm il-darba ribadit, "*kumpens bħal dak għandu jbatih biss l-Istat minħabba li l-ksur li qed iġarrab ir-rikorrent huwa l-effett dirett tal-liġi li ddaħħlet bl-Att XXIII tal-1979. L-intimati Ganado nqdew b'liġi li tathom jeddijiet ġodda li ma kellhomx fiż-żmien meta ngħatat il-konċessjoni enfitewtika, iżda ma għamlu xejn biex jiksbu dan il-jedd b'mod illegali. Fid-dawl tal-massima qui suo jure utitur neminem laedere videtur, l-Qorti ma tistax issib li l-intimati Ganado jridu jagħmlu tajjeb huma wkoll għall-ħlas tal-kumpens lir-rikorrent minħabba s-sejbien ta' ksur tal-jedd fundamentali tiegħu. Din il-fehma tinbena wkoll fuq il-fatt li l-ilment tar-rikorrent jirrigwarda liġi li jagħmilha l-Istat u mhux iċ-ċittadin li, min-naħa tiegħu, għandu jedd jinqeda biha fil-parametri tagħha u safejn din ma titqiesx li qiegħda tikser il-jedd fundamentali tas-sid;*

*Illi kif inhu miżmum u mgħallem "fil-każ ta' liġi leżiva tad-drittijiet konvenzjonali jew kostituzzjonali, huwa l-Istat u mhux iċ-ċittadin li għandu*

*jirrispondi. Għax huwa prinċipalment l-obbligu tal-Istat, u mhux tal-inkwilin, li jassigura li d-drittijiet fundamentali tas-sid ma jinkisrux"* (***Kost. 24.2.2012 fil-kawża fl-ismijiet Louis Apap Bologna vs Kalċidon Ċiantar et; u Kost. 6.2.2015 fil-kawża fl-ismijiet Sean Bradshaw et vs L-Avukat Ġenerali et***);".

**21.** Dan ma jfissirx li l-inkwilin Intimat m'għandux ikun leġittimu kontradittur f'din il-kawża. Kif sewwa ritenut mill-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-**Sentenza Margaret Psaila et vs l-Avukat Ġenerali et datata 27 ta' Ġunju 2019**, "*Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm hija taqbel mat-tezi tal-intimata Camillleri li, ladarba hi agixxiet skont il-ligi, allura m'ghandhiex legalment tirrispondi ghall inkostituzzjonalita tal-ligi jew tehel spejjez tal-kawza, u huwa l-istat li huwa finalment responsabili, izda mill-banda l-ohra, il-proceduri odjerni necessarjament jaffettwaw lill-intimata stante li hi parti fir-rapport guridiku li huwa regolat b'ligi li l-kostituzzjonalita taghha qed tigi attakkata. Ghaldaqstant il-prezenza taghha f'dawn il-proceduri hija necessarja ghall-finijiet tal-integrita` tal-gudizzju. Hi bhala inkwilina tal-fond in kwistjoni ghandha interess guridiku f'din il-kawza peress li l-meritu jikkoncerna lilha direttament (ara* ***Evelyn Montebello et vs Avukat Generali et****, Kost 13/07/2018;* ***Sam Bradshaw et vs Avukat Generali et****, Kost 06/02/2015 u* ***Raymond Cassar Torreggiani vs Avukat Generali****, Kost 22/02/2013).*" (ara wkoll **J&C Properties Limited vs Avukat Ġenearli** ċitata supra).

**22.** Il-Qorti sejra għaldaqstant tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-inkwilini Intimati u tgħaddi biex tikkunsidra l-mertu.

**23.** Il-fatti li fuqha hija mibnija din l-azzjoni kif limitata, permezz ta' nota preżentata a' fol 118, għal dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni ta' drittijiet fondamentali sanċiti fl-ewwel artikolu protokkollari tal-Konvenzjoni biss, huma identiċi għal dawk ravviżati fid-diverżi sentenzi tal-Qorti Ewropea u tal-Qrati tagħna ċitati fis-sentenza su riferuta. Għaldaqstant japplikaw l-istess konsiderazzjonijiet legali hemm esposti. Isegwi li fil-każ tal-lum din il-Qorti tasal għall-istess konklużjoni li waslu għaliha Qrati oħra ripetutament f'kawżi ta' din ix-xorta u f'ċirkostanzi simili, u ċioe li l-artikoli msemmija tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-emendi introdotti fil-Kodiċi Ċivili bl-Att X tal-2009, kif kienu viġenti qabel ma ġew introdotti l-emendi bis-saħħa tal-Att XXIV tal-2021, huma leżivi tad-drittijiet fondamentali tas-sidien kif garantiti bl-ewwel artikolu tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

Din il-Qorti għalhekk tilqa' l-ewwel żewġ talbiet tar-Rikorrenti kif ġew limitatament ibbażati fuq l-ewwel artikolu protokollari biss fir-rigward tal-imsemmija artikoli tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-emendi introdotti fil-Kodiċi Ċivili bl-Att X tal-2009 kif kienu viġenti qabel ma ġew introdotti l-emendi bis-saħħa tal-Att XXIV tal-2021.

**24.** Bħala rimedju għal din il-vjolazzjoni, ir-Rikorrenti qed jitolbu lill-Qorti tagħtihom r-rimedji kollha li jidhrilha xierqa inkluż li jiġi dikjarat illi l-intimati inkwilini Bonnici ma jibqgħux jistrieħu fuq il-protezzjoni tal-liġi (ara talba 3

u 4) kif ukoll li tordna, tillikwida u tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat għal kumpens u danni sofferti minnhom (ara talba 5 u 6).

**25.** Din il-Qorti tara li dawn it-talbiet rimedjali huma bbażati fuq l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni li jipprovdi dritt għar-rimedju effettiv quddiem Qorti Nazzjonali.

**26.** It-talbiet numru 3 u 4 jolqtu madanakollu l-perjodu ta' wara l-1 ta' Ġunju 2021. Għaldaqstant jeżorbitaw għal kollox mir-rimedju li għandu jiġi mogħti għal-leżjoni dikjarata fit-tieni talba kif limitata għal-perjodu ta' qabel ma daħlu l-emendi tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta permezz tal-Att XXIV tas-sena 2021 (ara nota a' fol 118). Il-Qorti sejra għaldaqstant tiċħad it-tielet u r-raba talba u tgħaddi biex tqis il-bqija tat-talbiet rimedjali għal kumpens. Dawn it-talbiet għandhom bl-istess mod u għall-istess raġuni jkunu ċirkoskritti għal perjodu ta' qabel l-1 ta' Ġunju 2021.

**27.** Il-Qorti tqies li l-ammont ta' kumpens għandu jiġi kalkolat fuq dak ikkunsidrat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEBD) fis-sentenza **Cauchi -vs- Malta** applikazzjoni numru 14013/19 datata 25 ta' Marzu 2021, paragrafi 101-109 (ara nota a' fol 89). Kif ġia ingħad, dan l-ammont għandu jiġi kkalkolat mis-sena 1982 in kwantu għal nofs indiviż u mis-sena 1992 in kwantu għar-rimanenti nofs indiviż.

**28.** Fl-evalwazzjoni minnha tad-dannu pekunjarju dovut lill-applikant bħala kumpens għat-telf ta' kontroll, użu u tgawdija tal-proprjetá tiegħu, l-QEBD fis-sentenza **Cauchi vs Malta** qieset, sa fejn kien xieraq, il-valuri lokatizzji fis-suq Malti tal-proprjetá matul il-perjodi rilevanti. Hija wkoll

ikkunsidrat l-għanijiet leġittimi u l-"interess pubbliku" ta' dawn ir-restrizzjonijiet li jiġġustifikaw kumpens anqas mill-kumpens sħiħ li altrimenti jkun dovut skont il-valur tas-suq ħieles. F'dan ir-rigward il-QEBD nnotat li l-miżuri kontestati f'kawżi ta' din ix-xorta ġew meqjusa li kellhom bħala għan leġittimu l-protezzjoni soċjali tal-kerrejja. Il-QEBD madankollu sabet ukoll li l-ħtieġa u l-interess ġenerali għal din il-protezzjoni li setgħet kienet eżistenti f'Malta fis-sena 1979 (meta l-liġi daħlet fis-seħħ bl-Att XXIII) battiet matul il-kors tat-tlett deċenji li segwew minn dik is-sena. F'dan l-isfond il-QEBD qieset li għall-finijiet tal-għoti ta' kumpens, tali valuri lokatizzi jitnaqqsu b'madwar 30% abbazi ta' dak l-għan leġittimu. Il-QEBD żiedet tgħid li raġunijiet oħra ta' interess pubbliku jistgħu ma jiġġustifikawx tali tnaqqis.

**29.** Il-QEBD aċċettat ukoll li l-proprjetá, kieku ma kienetx hekk suġġetta għal din il-leġislazzjoni impunjata, mhux bilfors kienet sejra tinkera matul il-perjodu kollu. Dan speċjalment fid-daw ta' kif sploda s-suq tal-propjeta' riċentement. Il-QEBD għaldaqstant qieset bħala aċċettabli li jitqies li t-telf attwali kien inqas min dak iddikjarat, b'mill-inqas 20%. Magħdud dan, il-QEBD qieset li l-kera li l-applikant ikun diġa rċieva għall-perjodu rilevanti għandu jitnaqqas mill-kalkolu rilevanti. F'dan ir-rigward, il-QEBD rriteniet li l-kera li għandha hekk titnaqqas hija dik applikabbli bl-istess liġi. Dan peress li l-applikant stess għażel minn jeddu li ma jżidx il-kera għal perjodu taż-żmien miftiehem. Il-QEBD kkunsidrat li għandu jiġi mnaqqas ukoll l-ammont globali mogħti mill-Qorti nazzjonali, liema ammont jibqa' pagabbli

lill-applikant jekk ma jkunx għadu ġie hekk mħallas lilu. Pero' din il-Qorti trid tagħmilha ċara li l-prinċipji fuq elenkati mhux neċessarjament jistgħu ikunu applikati għal kull każ li jkollha quddiemha. Mhux kull każ huwa preċiżament bħal ieħor anke jekk il-prinċipji legali involuti ikunu l-istess. Skont din il-Qorti s-Sentenza ta' **Cauchi -vs- Malta** hija biss indikattiva u ta' gwida għal din il-Qorti. Di fatti aktar 'l fuq din il-kirja saret mill-ġenituri lil binhom u li żgur li sakemm ir-rikorrenti kienu għadhom ma sarux sidien, il-prinċipji inkwistjoni ma humiex perfettament applikabbli f'kull dettal, għalkemm kumpens xorta għandu jingħata.

**30.** Fl-aħħar nett, il-QEBD tenniet li, in virtù ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni, <u>ma dan l-ammont għandu jiżdied ħlas ta' 5% imgħax darba waħda biss</u>. Dan sabiex jagħmel tajjeb għat-telf tal-valur tal-kumpens matul iż-żmien minħabba kundizzjonijiet ekonomiċi nazzjonali bħal livelli ta' inflazzjoni u rati ta' interess.

**31.** il-Qorti għaldaqstant issib xieraq li l-kumpens fuq is-sehem sħiħ tal-fond in kwistjoni jammonta għal ħmistax-il elf euro (€15,000). Minn din is-somma r-rikorrenti għandhom jingħataw biss is-sehem li għandhom fuq il-proprjetá in kwistjoni.

**32.** Dan is-sehem għandu sintendi jitħallas mill-Avukat tal-Istat li, kif jixhed ismu stess, qed jirrapreżenta l-Istat. Kif ġia ingħad supra l-preżenza tal-inkwilin f'dawn il-kawżi hija biss meħtieġa għall-integrita' tal-ġudizzju (ara fost oħrajn **Margaret Psaila et vs l-Avukat Ġenerali et datata 27 ta' Ġunju 2019**).

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħdha taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

**Tilqa' limitatament it-tielet eċċezzjoni tal-Intimat Avukat tal-Istat** bil-mod kif imsemmi fis-sentenza.

**Tiċħad l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-Intimat Avukat tal-Istat u tal-inkwilini intimati;**

**Tilqa' l-ewwel żewġ talbiet kif limitati fin-nota preżentata fl-4 ta' Novembru 2022** billi tiddikjara li l-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009, kif kienu viġenti qabel l-emendi introdotti bis-saħħa tal-Att XXIV tas-sena 2021 jivvjolaw id-drittijiet fundamentali tar-Rikorrenti kif sanċiti fl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta);

**Tiċħad it-tielet u r-raba talba tar-rikorrenti** għal raġunijiet suesposti;

**Tilqa' l-ħames talba tar-Rikorrenti** billi tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-Rikorrenti b'konsegwenza tal-vjolazzjoni minnu sofferta;

**Tilqa' s-sitt talba tar-Rikorrenti** u tillikwida l-kumpens fl-ammont ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000) li minnhom ir-rikorrenti għandhom jirċievu biss sehem li jispetta lil kull wieħed u waħda fil-kwota rispettiva tagħhom u

tordna lill-intimat Avukat tal-Istat sabiex minn din is-somma jħallas lir-rikorrenti is-sehem li għandhom fuq il-proprjetá in kwistjoni.

Bl-ispejjeż kollha, inklużi tal-inkwilini Intimati, jitħallsu mill-Intimat Avukat tal-Istat.

Tordna lir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali sabiex jibgħat kopja ta' din is-sentenza lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati skont l-artikolu 242(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta malli din is-sentenza tgħaddi in ġudikat

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**